MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 416/1999

**Il-Pulizija**

**Spettur Domnic Micallef**

**v**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CINI** ta' hamsa u tletin sena bin Joseph u Jane nee Buttigieg imwieled Pieta u detentur tal-karta tal-identita numru 304664M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha ta' Marzu, 1999 jew fil-granet ta' qabel xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom liema valur tal-oggetti jeccedi l-elf lira Maltin.

Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-disgha u ghoxrin ta' Awissu, 1994, fil-hamsa ta' Lulju,

1996, fit-tletin ta' Lulju, 1997 kif ukoll sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fl-erbatax ta' Lulju, 1995, fl-ghaxra ta' Lulju, 1996, tnejn ta' Lulju, 1996, tmienja ta' Ottubru, 1997 liema sentenzi ma jistawx jigu mibdula jew imhassra.

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni tas-sezzjoni 9 tal-Kapitolu 152 li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin moghtija b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fit-tlettax ta' Lulju, 1998 liema sentenzi ma jistawx jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tnax ta' April, 2002 esibiti fl-att a fol 333 sabiex din il-kawza tigi deciza sommarjament.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tad-29 ta' Lulju, 2002.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-kaz fis-seduta tat-tnax ta' Novembru, 2003.

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-hmistax ta' Lulju, 1999 xehed l-Ispettur Domnic Micallef li qal li nhar is-sebgha ta' Marzu, 1999 huwa kien gie infurmat mill-Ispettur Bonnici li waqt li Navarro kien fir-razzett tal-Hbiberija, Wied il-Ghajn, ra uhud mill-oggetti li kienu insterqulu mill-villa tieghu l-Madliena esposti ghall-bejgh.  Huwa ta' ordni sabiex fuq il-post imur PS 1360 Persi u jigbor l-affarijiet in vendita u johodhom id-Depot, flimkien mal-venditur sabiex isir aktar stharrig.  Huwa ghalhekk baght ghal dan Navarro fl-ufficcju tieghu sussegwentement li minn naha tieghu ikkonferma li l-oggetti li kienu esposti ghall-bejgh fir-razett tal-Hbiberija u

murija lilu fid-Depot kienu proprjeta` tieghu u li kienu insterqulu proprju l-gimgha ta’ qabel.

Dak il-hin, l-imputat gie mistoqsi minghand min kien inxtara l-oggetti misruqa u huwa wiegeb li xtrahom minghand persuna li ma jafhiex pero li kienet fil-presenza ta’ certu Mark Alison.

L-imputat irrilaxxja stqarrija dak il-hin stess u kien stqarr li kien xtara l-oggetti in disamina minghand persuna dik il-gimgha stess hdejn il-Club tal-Bocci tal-Imsida minn go van ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu. Huwa jispjega li l-venditur skonoxxut ghall-ewwel riet mitejn lira Maltin izda wara in-negozju ta’ bejniethom ftehemu ghall-prezz ta’ sebghin lira ghal kollox. Cini ukoll stqarr li kien staqsa l-venditur f’zewg okkazjonijiet jekk l-oggetti kienux misruqa ghaliex ried ibiehom quddiem in-nies u l-venditur wiegbu li l-oggetti ma kienux imbghabsa. Mistoqsi jekkx inghatax ricevuta tal-pagament li ghamel, Cini wiegbu fin-negattiv.

Oliver Navarro xehed fil-hmistax ta’ Lulju, 1999 u ikkonferma li kien sefa misruq fis-27 ta’ Frar, 1999 mill-villa tieghu l-Madliena u kienet saret inkjesta relattiva dwar din is-serqa. Huwa ikkonferma li uhud mill-oggetti li nsterqulu, rahom ghall-bejgh fir-razzett tal-hbiberija mill-imputat Joseph Cini. Huwa ikkonferma d-dokument CSH 12 esebit fl-atti a fol 25 bhala l-lista tal-oggetti li nsterqulu kif ukoll r-ritratti esebiti a fol 29 immarkati bhala dokument CSH 3 bhala dawk ir-ritratti tal-oggetti li nstabu ghand l-imputat.

Il-Qorti kienet innominat lil Vincent Camilleri Ellul Bonici sabiex jaghmel stima u valutazzjoni tal-oggetti li nstabu f’idejn l-imputat u dan b’digriet taghha tal-hmistax ta’ Lulju, 1999 u skond ir-rapport tieghu esebit fl-atti a fol 72 immarkat bhala dokument VC, il-valur tal-oggetti huwa ivvalutat ghal LM 285.

Illi dwar is-serqa li soffriet il-familja Navarro ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet u sahansitra anki l-inkjesta relattiva ghal din is-serqa giet esebita fl-atti.

Mark Allison xehed nhar il-hmistax ta' Lulju, 1999 u qal illi kien mar fuqu persuna maghrufa bhala "il-cash"li xtaqet tbiehlu xi oggetti sabiex eventwalment ibieghhom fuq il-monti. Allegatament dan "il-cash" qallu li l-oggetti kienu jikkonsistu f' vazuni u li kienu gejjin mill-wirt ta' nanntu. Staqsieh ukoll jekk kienux gejjin mis-serq u ikkonfermalu li ma kienux.

Huwa imbghad laqqa lill-imputat ma din il-persuna "il-cash" l-Imsida u Cini u "il-cash" bdew jinnegozjaw il-prezz peress illi kien interessat. Fil-presenza tieghu l-imputat staqsa dwar il-provenjenza tal-oggetti u ghal tlett darbiet semaw jghidlu li kienu gejjin mill-wirt ta' nanntu. Mistoqsi ghaliex in-negozju sar l-Imsida Alison spjega li kien il-post fejn kien imur jiehu t-te`.

John Bugeja xehed fil-hamsa u ghoxrin ta' Jannar, 2002 meta talab li jigi ezentat milli jaghti x-xhieda tieghu peress li kien ghaddej proceduri kriminali in konessjoni ma dan il-kaz u setgha jinkrimina ruhu. Pero fid-29 ta' Lulju, 2002 huwa xehed u meta gie mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputat odjern huwa ikkonferma li kien jafu ghall-perjodu twil, cirka ghaxar snin u li qatt ma biegh oggetti lill-imputat u qatt ma ghamel uzu minn van Marina.

B'dispjacir il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ipprovatx in-nexus bejn dan John Bugeja u l-persuna maghrufa bhala "il-cash" u ghalhekk il-Qorti bilfors ser tasal ghall-konkluzjoni li l-persuna li bieghhet l-oggetti lill-imputat ma kienetx John Bugeja izda persuna ohra, ghaliex imkien ma jirrizulta li dak li qal l-imputat fuq "il-cash" ghandu jinftiehem li kien Bugeja.

Sabiex il-Qorti tara jekk il-Prosekuzzjoni irrnexxiliex tipprova l-kaz taghha trid bilfors taghti qies lix-xhieda ta' Alison u l-istqarrija tal-imputat fid-dawl tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni.

Qabel xejn pero il-Qorti thoss li ghandha tfahhar kemm lill-Ufficjal Prosekutur kif ukoll lill-avukat difensur ghas-serjeta` li mxew biha fit-trattazzjoni tal-kaz odjern u

tawspika li jaghmlu studju profond ghal kawzi ohra li huma ghandhom pendenti.

Kif tajjeb sollevat il-Prosekuzzjoni fis-sentenza citata minnha u cioe` Pulizija vs Flippa Fenech deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 1937 sabiex jinghad li l-akkuza ta' ricetazzjoni giet ipprovata, hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement is-segwenti rekwiziti:

1. Illi l-oggetti li jkun imsemmi fil-kaz ikun gej mill-Kummissjoni ta' reat.
2. Illi l-akkuzat jkun jew irricetta jew xtara dan l-oggett.
3. Illi l-imputat kien jaf li illi l-oggett kien ta' provenjenza illeggittima. Dwar ix-xjenza rikjesta ghall-provenjenza illegittima, dan id-dolo li huwa dak specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Dwar l-ewwel zewg elementi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet ghaliex ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni irrnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-oggetti li nsterqu u li nstabu f'idejn l-imputat kienu gejjin minn attivita` kriminali u cioe` mis-serq li sofra Oliver Navarro u li l-imputat kien ircieva billi xtara l-oggett provenjenti minn dak id-delitt.

Dwar ix-xjenza rikjesta l-Qorti ssostni li dik ix-xjenza trid tkun wahda generika li tirrigwarda provenjenza kriminuza u mhux wahda li tirreferi ghad-dettalji specifici tar-reat principali.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deciza nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Gunju, 1961 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn dik il-Qorti b'referenza ghall-artikolu 334 tal-Kap 9 u cioe` ghar-reat ta'ricettazzjoni sostniet li, "meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett anzi tkun tahseb li l-persuna li taghti dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pusess ta'dik il-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-

element tax-“scienter” rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta’ ricettazzjoni.

Sentenza ohra ukoll moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet Pulizija vs John Briguglio deciza nhar l-24 ta’ Gunju, 1961 ukoll fuq il-kwistjoni ta’ “scienter” tipprovdi li “min jakkwista oggett taht cirkostanza li fihom imissu jisuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza u jaghlaq ghajnejh huwa hati ta’ negligenza u kwindi ta’ ricettazzjoni”.

Fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti nhar it-24 ta’Gunju, 1961 fl-ismijiet il-Pulizija vs George Tabone, gie irrilevat li l-element tax- “scientar” huwa mehtieg ghall-integrazzjoni tar-reat tar-ricettazzjoni.  Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari, imma s-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le, tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta’ dan ir-reat.

Illi d-difiza sostniet li l-Qorti ghandha taghti qies ic-cirkostanzi partikolari ta’dan il-kaz u cioe` li l-imputat xtara oggetti matul il-gurnata ghall-habta tal-hdax ta’filghodu fl-Imsida, hija qalet hdejn l-ghassa pero mill-atti jirrizulta hdjen il-Klub tal-Bocci ghall-prezz ta’ sebghin lira u dan wara li accerta ruhu l-provenjenza tal-oggetti.

Illi bir-rispett kollu una volta l-imputat wera li kellu suspett ta’ xi irregolarita` ghaliex stqarr hu stess kemm il-darba fl-istqarrija tieghu li ried ikun jaf il-provenjenza u ghalhekk ma missux waqaf milli jindaga ulterjorment.  L-imputat ma kienx jaf b’mod dirett li dawk l-oggetti gew minn serqa pero donnu ma kienx kuntent b’dak li qallu l-venditur ghaliex staqsieh ghal darba, darbtejn tlieta dwar l-origni taghhom.

F’dan il-kaz l-imputat li qal li ma kienx jaf min hu l-venditur messu indaga aktar dwar il-provenjenza taghhom ghaliex mhux normali li tixtri oggetti tal-antikita` minn go van minn

persuna li ma tafhiex mill-kaxxi ghall-prezz ta' terz minn dak mitlub minghajr ircevuta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Micallef deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1998 fejn il-Qorti sostniet "li sabiex jigi ippruvat dan ir-rekwizit tax-"scientar" il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova l-"criminal misconduct" ta' min qed jakkwista l-oggett allegatament gej minn attivita` illegittima. Din il-mens rea tista tigi ippruvata jew direttament jew tramite provi cirkostanzjali".

Kif jispjega Glanville Williams fit-test tieghu "Criminal Law, General Part" pagna 127, "on a charge of receiving it is sufficient that the accused believes that the goods were stolen, that is <u>probably</u> stolen… his omission to enquire in the face of his knowledge of probability would, it is submitted be accounted to knowledge".

Francesco Antolisei fil-ktieb "Manuel di Diritto Penale" Parte Speciale 1 edizione 1994 pagna 393-393 jghid: " per l'esistenza del dolo si richiede anzitutto la volonta` di acquistare, ricevere, occultare, intromettersi, occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose accuistate ecc. Tale consapevolezza secondo le regole generali, deve ritenersi <u>sussistente</u> anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio della provenienza delittuosa ma, nonostante cio, egli abbia agito accettando il rischio di incorre nelle sanzioni della legge (dolo eventuale)".

Illi tenut kont dawn l-elementi fid-dawl tal-kumpless tal-provi processwali prodotti u tal-konsiderazzjonijiet legali riferti aktar il-fuq il-Qorti hi tal-fehema li l-elementi necessarji ghas-sussistenza tar-reat dedott fil-konfront tal-imputat jirrizultaw.

Dwar l-akkuza ta' recidiva l-Prosekuzzjoni esebit diversi sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat minn diversi Qrati u l-identita` tieghu giet ikkonfermata minn diversi ufficcjali tal-Puliziija u ghalhekk tali akkuzi tirrizulta ukoll.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat mahruga fl-10 ta' Gunju, 1999 u minn esami tal-istess jirrizulta li mis-sena 1979 sa 1998 huwa kiser diffrejh mal-ligi almenu 23 darba meta nstab hati fuq diversi akkuzi fosthom serq, talli ikkaguna feriti fuq diversi persuni, theddid u ingurji lejn ufficcjali tal-Pulizija, diversi harbiet mill-postijiet ta'kustodja u pussess ta' droga meta inghata pieni ta' probation, multi u habs u dan nonostante l-imputat ma tghallimx u reggha qieghed il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

**Minn naha l-ohra l-Qorti rat li l-imputat m'ghandux jinstab hati ta' ricettazzjoni ta'oggett li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira u dan peress illi l-valur tal-oggetti ricettati huwa ta' LM 285.**

**Il-Qorti thoss li f'dawn ic-cirkostanzi l-piena idonea hija dik ta' prigunerija u wara li rat l-artikolu 49, 50 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------